MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 959/2002/1

**Stella Darmanin**

**v.**

**Carmel Debono bhala mandatarju ta’ l-assenti**
**Carmel Joseph Giudice**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li tghid hekk:
“Ili matul numru ta’ snin l-attrici kienet tokkupa l-appartament numru erbgha (4) fil-blokk imsejjah

“Alexander Flats” fi Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan, liema appartament hu ta’ *proprjeta*` tal-konvenut.

“Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta’ Gunju, 2000, konfermata bis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001, gie deciz illi l-attrici kienet tokkupa l-fond hawn fuq riferit minghajr ebda titolu kwalsiasi, u l-istess attrici vvakat il-fond.

“Illi tul iz-zmien li l-attrici kienet tokkupa l-fond involut hija tejbet a spejjez taghha l-kondizzjoni tal-fond billi fost hwejjeg ohra hija wettqet diversi alterazzjonijiet anke ta’ natura strutturali, u inoltre fl-istess fond jinsabu diversi effetti mobili appartenenti lill-attrici li kienu jservu ghall-uzu tal-fond .

“Illi l-konvenut gie mitlub biex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-pagament tal-valur li bih gie arrikkit il-fond appartenenti lilu mill-attrici, kif ukoll biex irodd lura l-effetti mobili hawn fuq imsemmija lill-attrici, pero` l-konvenut baqa’ inadempjenti.

“Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li kien hemm arrikkiment li sehh a beneficcju tal-konvenut bil-hidma ta’ l-attrici, u li ghalhekk l-attrici hija ntitolata skond il-ligi li tithallas minghand il-konvenut il-valur li bih gie arrikkit mill-istess attrici l-fond ta’ *proprjeta*` tieghu, hawn fuq riferit, matul iz-zmien li fih hija kienet tokkupa l-fond kif gie spjegat.

“2. Tillikwida l-valur ta’ l-arrikkiment tal-fond hekk effettwat.

“3. Tordna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici l-valur li jigi hekk likwidat.

“4. Tordna lill-konvenut sabiex irodd lura lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-effetti mobili ta’ *proprjeta*` ta’ l-istess attrici li jinsabu fil-fond kif spjegat hawn fuq, u fin-nuqqas.

“5. Tordna lill-konvenut biex ihallas lill-attrici l-valur li jigi likwidat ghall-imsemmija effetti mobili.

“6. Tikkonferma l-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1709/02, fil-konfront tal-konvenut, ghall-iskop li huwa jibqa’ inibit skond il-ligi ai termini ta’ dak il-mandat.

“l-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1709/02 kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi l-attrici li kienet tokkupa l-fond b’titlu ta’ precarium u m’ghandha ebda dritt illi titlob xi hlas jew kumpens ghat-tibdiliet li hija ghamlet unilateralment u li ma kienux necessarji biex tikkonserva l-oggett lilha misluf minghajr kera jew kumpens.

“2. Illi in subsidium, kwalunkwe tibdil jew miljorament li sar fl-ahhar tnax il-sena minnha, saru fi zmien illi hija kienet mitluba illi tohrog mill-fond mill-propjetarju tieghu u li fih baqghet tokkupa l-fond minghajr titlu jew dritt in opposizzjoni tal-konvenut nomine, u ghalhekk, minghajr ma agixxiet in bona fede.

“3. Illi jekk l-azzjoni ta’ l-attrici hija dik ta’ l-arrikament ngust, jonqos l-element ta’ nuqqas ta’ relazzjoni kuntrattwali, billi l-precarium huwa kuntratt, u ghalhekk f’dan il-kaz, l-azzjoni “de in rem verso” mhijiex sostenibbli.

“4. Illi fir-rigward ta’ l-oggetti mobbli dawna thallew fil-fond meta fl-20 ta’ Novembru, 2002, wara l-iskadenza taz-zmien moghti lilha mill-ewwel Qorti biex tizgombra, l-attrici ikkonsenjat lill-konvenut nomine ic-cwievet u pussess tal-fond, u dan mhux b’zvista izda ghaliex uriet intenzjoni cara ta’ abbandun, peress illi l-garr taghhom kien iqum izjed mill-valur taghhom.

“5. Illi l-attrici ghadha ma hallsitx l-ispejjez ta’ l-ewwel kawza u cioe dik ta’ l-izgumbrament, fis-somma ta’ Lm211.75, ghax jidher illi m’ghandhiex mezzi biex thallas

dan, u f'kaz illi l-konvenut nomine jigi ikkundannat ihallas xi somma qieghed jinvoka t-tpaccija legali ta' dan il-kreditu likwidat cert u dovut.

"6. Illi l-hrug tal-mandat 1709/02 huwa ghalhekk abusiv ghax l-attrici mhijiex attwalment kreditrici tal-konvenut nomine u ghandu jigi irrevokat, bl-ispejjez tal-mandat u tal-kawza kontra taghha.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

**"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut arrikixxa ruhu a spejjez ta' l-attrici;**

"**2. Tillikwida l-valur ta' l-arrikkiment ghas-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) li minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta' mitejn u hdax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm211.75) spejjez tal-kawza msemmija pagabbli mill-attrici u kwindi l-ammont pagabbli lill-attrici hu ta' elfejn, mitejn u tmienja u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,288.25);**

"**3. Tordna lill-konvenut nomine jhallas is-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,288.25) imsemmija lill-attrici;**

"**4. Tichad it-talba biex l-oggetti msemmija fic-citazzjoni jigu ritornati u ghalhekk;**

"**5. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' hames mitt lira Maltin (Lm500); u**

"**6. Tichad is-sitt talba.**

"**L-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."**

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi jidher pacifiku bejn il-partijiet li din hija azzjoni hekk imsejha *de in rem verso* u cioe` azzjoni imsejha *rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor u ssib il-fondament taghha fil-principju jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem.* (Giuseppe Calleja vs Walter Zammit Tabone, Appell Kummercjali – 5 ta' April 1957). Hi azzjoni li tista' tirnexxi biss meta mhix esperibbli l-azzjoni ex contractu (Rocco Bugeja vs George Micallef, Qorti Kummercjali – 16 ta' Marzu, 1950).

"L-elementi ghas-success taghha kif gie riassunt fil-kawza Doris Ellul vs Francis Camilleri (Prim Awla – 3 ta' Ottubru, 2003) huma dawn it-tlieta;

"a. Li l-haga li tkun giet versata jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju ta' haddiehor tirrizulta ta' vantagg u utilita` tieghu;

"b. Li dak il-passagg tal-haga ikun sar b'titolu lukrattiv; u

"c. Li min irceviha jkun sar iktar sinjur b' dak li jghaddi ghandhu.

"Dawn ir-rekwiziti gew ukoll elenkati f'sentenzi ohra bhal per ezempju Parnis vs Vella nomine, Prim Awla – 30 ta' Novembru, 1955; u Zammit vs Balzan, Prim Awla – 8 ta' Lulju, 2004.

"Il-mod kif din l-azzjoni zviluppat hu ferm interessanti mill-*punto di vista* akkademiku u jidher li l-Qrati, kemm taghna u kemm dawk ta' pajjizi ohra fejn il-Kodici Napoleoniku kien *in vigore*, bdew jirrealizzaw illi dan il-Kodici ma kienx jippovdi rimedju fejn ikun irrizulta arrikkiment ta' xi hadd a skapitu ta' haddiehor u dan ma jkunx irrizilta la minn relazzjoni kuntrattwali u lanqas delittwali. Allura zviluppaw din l-azzjoni a bazi tan-nozjoni tal-gestjoni ta' proprjeta` ta' haddiehor izda b'mod iktar estiz minn dak kontemplat mill-Kodici fejn jitkellem dwar il-kuncett tal-kwazi kuntratt.

“Fil-kaz in ezami, l-attrici okkupat il-fond imsemmi fic-citazzjoni ghal numru ta’ snin u giet fil-pussess tieghu meta l-awtur tal-konvenut kien qalilha biex toqghod fih u thallihulu liberu ghal meta jigi jzur Malta (billi hu kien frustier).

“Finalment, hija giet zgombrata minn dan il-fond b’sentenza tal-Qorti u billi ghamlet certi miljoramenti fil-fond qed titlob kumpens ghal dawn il-miljoramenti a bazi ta’ l-azzjoni *de in rem verso*.

“Jidher anke *prima facie*, illi l-elementi rikjesti ghal din l-azzjoni huma prezenti. L-attrici certament harget il-flus biex gie arrikkit il-fond in kwistjoni u b’dan il-mod il-konvenut arrikixxa ruhha b’mod li l-fond *proprjeta`* tieghu saret tiswa’ iktar. Il-passagg tal-flus jindika t-titolu lukrattiv ghaliex zgur li ma kien hemm ebda passagg gratwitu. Barra minn dan l-attrici jidher li kienet konvinta illi ser tibqa’ tghix fil-fond u ghalhekk ma kellha ebda ideja li se tigi zgombrata anke jekk certament li kieku hadet parir legali kienet tkun taf sew x’kienu d-drittijiet taghha.

“L-uniku dubbju illi ghandha l-Qorti hija appuntu relatata ma’ dan ghaliex l-attrici messha kienet iktar attenta li tohrog flusha qabel ma kienet certa mit-titolu taghha. Madankollu, u dan ikollu ukoll rilevanza meta tigi likwidata s-somma dovuta, l-attrici ghamlet uzu hija stess minn dawn il-miljoramenti ghal numru ta’ snin u ghalhekk nefqet il-flus sa ceru punt ghall-kumdita` taghha stess. Madankollu ma hemmx dubbju li minhabba f’hekk il-konvenut ghandu fond li jiswa iktar flus minn meta okkupatu l-attrici u ghalhekk mhux gust li l-attrici ma tigix b’xi mod kumpensata ghal dan.

“Meta tigi biex tiffissa l-kumpens il-Qorti ma ghandhiex takkorda lill-attrici l-ammont ekwivalenti ghall-izborsamenti kollha illi ghamlet l-attrici ghaliex kif gia` ssemma’, dan hi ghamlitu biex tkun tista’ tabita fil-fond bil-komditajiet normali. Dan apparti l-fatt li l-ammonti imsemmija minnha fl-affidavit taghha u kontenuti fil-prospett esebit minnha jidhru eccessivi. Oltre dan il-Qrati taghna meta gew biex jaghtu l-kumpens ittendew mal-fehma li l-ammont

pagabbli ghandu jkun dak li jkun reali fil-mument li l-attur ressaq it-talba tieghu u mhux fil-mument illi jkunu saru (Ara s-sentenza Ellul vs Camilleri fuq imsemmija). Dan jista' jagevola l-attur, izda jista' ukoll jizvantaggah, izda l-iskop ta' din il-kawza hu distint mill-azzjoni ghad-danni derivanti mill-kuntratt jew mid-delitt. Hawnhekk l-iskop li l-arrikiment li jkun *akkwista* l-konvenut jigi ritornat lill-attur, independentement mill-fatt li jista jkun li l-ammont li jkun hareg l-attur ikun iktar minn dak illi jkun gawda l-konvenut. Dan ghaliex bhala azzjoni derivata mill-htiega li ssir gustizzja, mhux gust li l-konvenut ikollu jhallas iktar mill-ammont li jkun arrikkixxa ruhu. Infatti f'dan is-sens hija ukoll il-gurisprudenza Taljana – *In giurisprudenza si e' affermato che l'entita' dell' indennizzo consiste nella minor sommatra il valore della diminuzione patrimoniale sofferta e la misura dell arrichimento altrui.* (Trabucchi – Commentario Breve all' Codice Civli – sez. 2042).

"F'dan il-kaz allura fejn l-attrici qed titlob hlas ghas-somma ta' sitt elef u disa' mitt lira Maltin (Lm6,900) ghal oggetti li jissemmew a Fol 34 u 35 tal-process, certament il-Qorti ma ghandhiex takkorda din is-somma b'mod intier ghaliex l-oggetti tpoggew fil-fond snin ilu u llum zgur ma jiswewx daqstant. Il-Qorti allura bil-fors ikollu tillikwida *arbitrio boni viri.* (Ara wkoll is-sentenza fil-kawza Mattocks vs Mckeon, Qorti tal-Kummerc – 1989). Il-Qorti jidrilha illi f'dan is-sens is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) hija somma gusta.

"L-attrici qed titlob ukoll ritorn ta' l-oggetti msemmija a Fol 36 tal-process. Ma hemmx kontestazzjoni li dawn huma taghha u r-raguni li gab il-konvenut li meta kkonsenjatlu c-cwievet hija kienet taf li kienu hemm gew ma hijiex raguni valida biex jibqa' jzommhom. Madankollu l-Qorti tifhem li uhud minnhom ma jistghux jinqalghu mill-fond minghajr ma tigi kawzata hsara lill-istess fond u l-oggetti l-ohra huma ta' valur minimu. Ghalhekk biex jigu evitati vertenzi ohra, il-Qorti m'hijiex ser tordna lill-konvenut jirritornahom u minflok se jillikwida l-valur taghhom illum ukoll *arbitrio boni viri* ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

“Il-konvenut eccepixxa li l-attrici hija debitrici tieghu ghas-somma ta’ mitejn, hdax-il lira Maltin, u hamsa u sebghin centezmu (Lm211.75) spejjez tal-kawza imsemmija, liema fatt mhux kontestat u ghalhekk mis-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) fuq imsemmija ser titnaqqas din is-somma u l-ammont pagabbli ser ikun ta’ elfejn, mitejn, tmienja u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,288.25).

“L-attrici qed titlob ukoll li l-Qorti tikkonferma mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-konvenut izda apparti mill-fatt li Qorti ma tistax semplicement tintalab tikkonferma mandat kawtelatorju, ma tressqu edba provi fir-rigward u l-Qorti ser tichad din it-talba.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut nomine prezentat fil-21 ta’ Dicembru 2004 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li din il-Qorti:

“1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet it-talba attrici ghall-konferma tal-Mandat ta’ Inibizzjoni 1709/2002;

“2. Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fil-bqija taghha, billi tichad ir-rimanenti hames talbiet attrici ghad-dikjarazzjoni u hlas ta’ kumpens, u tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-esponenti nomine u tilliberah minn kwalunkwe responsabbilta`, u dan ghall-premessi ragunijiet;

“3. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.”

Rat li l-attrici ma pprezentat ebda risposta formali ghar-rikors ta’ l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2007;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-appartament numru erbgha, fil-blokk imsejjah “Alexander Flats” fi Triq il-Qalb Imqaddsa, San

Giljan, huwa proprjeta` tal-mandanti tal-konvenut, Carmel Joseph Giudice. Qabel ma dan il-fond waqa' f'idejh, il-proprjetarju kien missieru, Charles Anthony Giudice li, f'xi zmien, peress li kien fi hsiebu jaghmel hafna zmien jirrisjedi barra minn Malta, ippermetta lill-attrici zzomm u tiehu hsieb il-fond. Il-ftehim kien li meta Charles Anthony Giudice jigi lura Malta, l-attrici tpoggi ghad-disposizzjoni tieghu l-fond halli hu jkun jista' joqghod hemm.

Gara li Charles Anthony Giudice miet waqt li kien barra minn Malta, u ibnu l-attur gie Malta u ried jiehu l-post lura. L-attrici ma riedetx tivvaka l-fond, b'rizultat li l-attur kellu jiftah proceduri legali biex jizgombra lill-attrici mill-fond. Dawn il-proceduri gew finalizzati b'sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-5 ta' Ottubru, 2001, fejn l-attrici inghatat xahar zmien biex tivvaka mill-fond. Din il-Qorti (Sede Inferjuri) ikkonkludiet li l-attrici dahlet fil-fond "minghajr ebda titolu kwalsiasi", u thalliet toqghod fil-fond b' "mera tolleranza".

Wara li harget mill-fond, jidher li l-attrici halliet xi affarijiet warajha, u fethet din il-kawza biex tiehu lura jew tinghata kumpens ghall-effetti li halliet fil-fond, u ghall-miljoramenti li qalet li ghamlet fil-fond. L-ewwel Qorti accettat it-tezi attrici u ordnat lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm2,500 ghall-miljoramenti (bi tnaqqis ta' Lm211.75 kreditu favur il-konvenut) u Lm500 ghall-effetti li halliet fil-post.
Il-konvenut nomine appella mis-sentenza bl-aggravju principali jkun li r-rimedju *de in rem verso* li applikat l-ewwel Qorti f'dan il-kaz, ma hux applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz in ezami.

Huwa principju pacifiku li l-*actio de in rem verso* hu rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor, u ssib il-fondament taghha fil-principju "*iure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem*". Din l-azzjoni, originarjament limitata fl-iskop taghha, giet estiza ghal kwalunkwe vantagg li persuna tirritraji mill-fatt ta' haddiehor, <u>minghajr titolu guridiku</u>. Din l-ahhar kondizzjoni hija importanti ghall-fini

ta' din il-kawza. Fil-kawza "Saliba v Caruana", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' April, 2006, gie spjegat li element ta' l-azzjoni hu "*in-nuqqas ta' raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u l-'ftaqir' tal-parti l-ohra*". Jekk parti jkollha raguni guridika biex izomm l-arrikkiment, allura dan ir-rimedju ma jistax jinghata.

Il-guristi Baudry-Lacantinerie et Barde ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile" – "Delle obbligazioni"; Vol. IV. Para 2849 xxiv) jaghti ezempju car ta' din ir-regola.
"2849xxiv. Un locatario ha fatto fare riparazioni o miglioramenti nell'immobile affittato. Ora, in virtu` di una clausola formale del contratto di fitto, i lavori di questa natura eseguiti per ordine del locatario dovranno, alla fine dell'affitto, avvantaggiare il proprietario, senza che questo abbia a pagare indennita`. Una volta spirato l'affitto, l'imprenditore, non essendo stato pagato dal locatario, pretende agire *de in rem verso* contro il proprietario. Gli puo` questo opporre il diritto che risulta per lui dalla clausola sopra indicata?

"Piu` generalmente, se vi e` stato un intermediario tra chi procura l'arricchimento e l'arricchito, il diritto che ha quest'ultimo di ricusare all'intermediario la restituzione si puo` egualmente opporre contro chi ha procurato l'arricchimento?

"La giurisprudenza risolve la questione affermativamente, e crediamo che abbia ragione. Se il proprietario puo`, senza indennita`, avvantaggiarsi delle riparazioni o dei miglioramenti realizzati dal locatario, questo vantaggio e` stato certamente preso in considerazione nel fissare il prezzo dell'affitto, di guisa che il proprietario l'ha ottenuto soltanto con un sacrifizio equivalente. Cio` si riduce a dire che in realta` non vi e` arricchimento e che quindi manca la prima delle nostre condizioni."

Issa, f'dan il-kaz, gie deciz li t-titolu li kellha l-attrici fuq il-fond kien b'mera tolleranza jew bi prekarju, li, skond il-ligi, jaghti dritt lis-sid jiehu l-*proprjeta*` lura "meta jrid" (Artikolu 1839 tal-Kodici Civili). Fit-termini ta' l-Artikolu 1833 ta' l-istess Kodici Civili, applikabbli ghall-istitut ta' prekarju bl-

Artikolu 1841, jekk dak li jissellef il-haga bi prekarju, jaghmel xi spiza biex jinqeda' bil-haga mislufa, "hu m'ghandux jedd ghall-hlas lura ta' dik l-ispiza". La darba hu hekk, ghall-benefikati li l-attrici allegatament ghamlet fil-fond, is-sid ghandu titolu guridiku (il-ligi) biex ma jhallasx kumpens ghalihom.

Min ikun fil-pussess tal-fond b'titolu prekarju, ma hux pussessur ta' l-istess, imma biss detentur gratuwitu u *a piacere*. Ma jkollu ebda titolu fuq l-istess fond u jekk jiddeciedi li jimmeljora l-fond, jaghmel dan ghax hekk hu jrid, bil-hsieb li jgawdi dawk l-amiljormaneti sakemm jibqa' fil-fond – f'dan il-kaz, ghal kwazi 18-il sena. Darba li johrog mill-fond, dak li jissellef il-haga bi prekarju huwa mcahhad, b'dispozizzjoni espressa tal-ligi, milli jiehu kumpens ta' l-amiljoramenti li jkun ghamel, u ma jistax, allura jipprova jirkupra dawk l-ispejjez billi jirrikorri ghal rimedju *de in rem verso*.

Oltre dan, anke kieku l-azzjoni *de in rem verso* setghet tirnexxi, ir-rimedju ma jkun qatt il-valur ta' l-ispiza b'diprezzament ghax l-oggetti tpoggew fil-fond snin ilu, izda somma ekwivalenti ghall-awment fil-valur tal-fond b'rizultat ta' dawk l-oggetti, u dejjem jekk dik iz-zieda fil-valur tkun ghadha tezisti fil-mument li ssir l-azzjoni (Baudry-Lacantinerie et Barde, ibid para. 2849 xxvi). F'dan il-kaz m'hemmx prova ta' xi zieda fil-valur tal-fond, jekk kien hemm.

Dwar l-oggetti mobbli li l-attrici halliet warajha din setghet tehodhom maghha meta ivvakat il-fond, u ma wriet ebda gustifikazzjoni ghaliex halliethom warajha. Zgur li ma tistax, l-ewwel tabbanduna l-oggetti fil-fond, u wara, titlob kumpens ghall-istess. L-oggetti mobbli in kwistjoni huma *air-conditioner, fridge, cooker, fitted carpet, hanging mirror* fil-kamra tal-banju u xambrelli. Dawn jidher li baqghu fl-appartament fejn halliethom l-attrici, u tista' tehodhom lura.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut nomine, billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha

fejn cahdet is-sitt talba attrici, izda thassarha u tirrevokaha ghall-bqija, tichad ukoll l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba attrici, izda tilqa’ r-raba’ talba ta’ l-attrici u tordna lill-konvenut nomine sabiex fi zmien hmistax-il gurnata mil-lum jirritorna lill-attrici l-oggetti mobbli aktar qabel elenkati f’din is-sentenza.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi ghalhekk anke dawk ta’ prim istanza, fic-cirkostanzi tal-kaz, jithallsu mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------